**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 105 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Donald Bellizzi**

Illum, 17 ta' Novembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Donald Bellizzi detentur tal-karta ta' l-identita Maltija bin-numru 384071 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

F' dawn il-Gzejjer bejn is-sena 2010 u s-sena 2013 b' diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda;

B' ghemil zieni, ikkorrompa lil ***Omissis***, ***Omissis*** u ***Omissis*** meta hu kien tutur tal-imsemmijin minuri ghal xi zmien jew meta l-istess minuri gew fdati sabiex jiehu hsiebhom, jehudakom, jghallimhom, jindukrahom jew izommhom.

Aktar talli fl-istess cirkostanzi ippartecipa f' attivitajiet sesswali ma' persuni that l-eta' u cioe ***Omissis***, ***Omissis*** u ***Omissis***.

Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala persuna f' Malta, ghamel jew ipproduca jew ippermetta li jigi maghmul jew prodott xi materjal indecenti jew ipproduca, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegh, issupplixxa, ittrasmetta,

ghamel disponibbli, akkwista ghalih innifsu jew ghal haddieħor, jew wera dak il-materjal indecenti ta' persuni ta' taht l-eta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li jekk jidrilha xieraq tordna ordni ta' trattament skond l-Art 412 D ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq imsemmija kif ukoll ghal familjari taghhom.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f' kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' Gunju, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 203 (1), 203 (1) (c) u 204C (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni limitatament fejn dawn huma riferibbli ghal ***Omissis*** u ikkundannatu tlett (3) snin prigunerija. Il-Qorti iddikjarat lill-imputat mhux hati tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement illiberatu minnha.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412 C tal-Kodici Kriminali l-Qorti ordnat l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum fejn il-persuna protetta hija ***Omissis***.

Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan ordnat li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

Il-Qorti qed ordnat d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-minuri kollha u l-familjari taghhom fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti Donald Bellizzi minnu pprezentat fis-7 ta' Lulju, 2020, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tikkonferma f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-esponent

mhux hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni in kwantu jirrigwarda l-minuri ***Omissis*** u ***Omissis*** u fejn sabitu ukoll mhux hati tat-tielet (3) imputazzjoni, thassar, tirrevoka u tikkancella l-istess sentenza f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-esponent hati tal-ewwel (1) imputazzjoni u konsegwentement tilliberah mill-istess u tvarja l-istess sentenza f'dik il-parti li tikkoncerna l-piena nflitta.

Rat Illi l-**aggravji** huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1) Illi l-ewwel Qorti bid-dovut rispett ghamlet interpretazzjoni u applikazzjoni skorretta tal-provi in kwantu jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni. F'dan ir-rigward jigi umilment rilevat li r-rizultanzi processwali kienu jwasslu ghall-elementi tar-reat ravvisat fl-Artikolu 204C(1) tal-Kap 9 u mhux ghar-reat ravvisat fl-Artikolu 203 tal-Kap 9.

   F'dan il-kuntest jinghad ukoll li l-ewwel Qorti esprimiet il-fehma li jekk l-atti li sehhu bejn l-esponent kinux konsenswali *o meno* ftit li xejn kellu rilevanza. Bid-dovut rispett, ir-rilevanza ta' tali stat ta' fatt kien jincidi propju fuq jekk kientx tirrizulta r-reita fuq l-ewwel jew it-tieni imputazzjoni. Kif jigi ampjament elaborat fil-kors tat-trattazzjoni ta' dana l-Appell, l-ewwel u t-tieni imputazzjoni huma guridikament distinti minn xulxin.

   Inoltre ghall-finijiet tal-elementi tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni t-test tal-eta' tal-minuri jehtieg li jigi ezaminat f' kuntest relattiv ghall-persuna koncernata u mhux sempliciment billi jigi arbitrarjament konkluz li tifel ta' erbatax (14) (u mhux tlettax (13)) awtomatikament ser jigi korrott.

2) Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess il-piena fic-cirkostanzi kienet eccessiva.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u appuntu l-avukat difensur jittratta l-aggavji tieghu u l-Avukat Generali iwigeb.

Ikkunsidrat,
Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi kien fl- 10 ta' Ottubru 2015[1] meta l-Pulizija rcevew rapport minghand Andrew Azzopardi li jahdem bhala Head of Safe Guarding Officer mal-Kurja li infurmahom li kellu rapport dwar l-appellant minghand wiehed zaghzugh li jismu ***Omissis***[2];

2. L-appellant kien Patri tal-Provincja Frangiskana Konventwali[3] fejn ghamel zmien kappillan fil-Parocca ta' Burmarrad u f'xi zmien kien anke jiehdu hsieb zghazagh li juru hajra li jimxu fil-hajja religjuza u cioe' grupp tal-vokazzjonijiet;

3. Irrizulta li kien hemm persuna ohra u cioe' ***Omissis*** li kien fil-passat diga ghamel allegazzjonijiet dwar Father Belizzi u ghalhekk skont ix-xhieda tal-Ispettur Joseph Busuttil[4], wara l-allegazzjonijiet maghmulha minn ***Omissis***, Andrew Azzopardi kien tkellem ma' ***Omissis*** biex jara huwiex interessat biex jiehu passi jew le u kien mar ghand l-Ispettur flimkien ma' ***Omissis***;

4. L-Ispettur Joseph Busuttil kien anke tkellem ma' zaghzagh ohra biex jiehu l-verzjoni taghhom dwar l-agir tal-appellant;

5. Sussegwentement l-imputat gie arrestat, ittiehdet stqarrija u ittiehdu dawn il-proceduri fil-konfront tieghu.

L-Ewwel Qorti sabet htija tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet limitatament fejn dawn huma riferibbli ghal ***Omissis***. Fl-ewwel aggravju l-appellant jissottometti li l-Qorti ghamlet interpretazzjoni u applikazzjoni skorretta tal-provi in kwantu jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni. Jissottometti li r-rizultanzi processwali kienu jwasslu ghall-elementi tar-reat ravvisat fl-artikolu 204C(1) tal-Kapitolu 9 u mhux ghar-reat ravvisat fl-artikolu 203 tal-Kapitolu 9. Issottometta li l-Ewwel Qorti esprimiet il-fehma li jekk l-atti li sehhu bejn l-appellant kienux konsenwali o meno ftit li xejn kellu rilevanza. L-appellant izda jghid li r-rilevanza ta' tali stat ta' fatt kien jincidi proprju fuq jekk kinitx tirrizulta r-reita fuq l-ewwel jew it-tieni imputazzjoni. In oltre' issottometta li ghal finijiet tal-elementi tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni t-test tal-eta' tal-minuri jehtieg li jigi ezaminat f'kuntest relattiv ghall-persuna koncernata u

[1] Skont ix-xhieda tal-Ispettur Joseph Busuttil moghtija fis-sittax (16) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015)
[2] F'xi waqtiet fl-atti inkluz fic-citazzjoni u anke fic-certifikat ta' twelid a fol 15 indikat bhala *Omissis*.
[3] Skont ix-xhieda ta' Father Paul sive Alfred Calleja moghtija fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015)
[4] Moghtija fis-sittax (16) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015)

mhux sempliciment billi jigi arbitrarjament konkluz li tifel ta' erbatax (14) u mhux tlettax (13) awtomatikament ser jigi korrott.

Din il-Qorti sejra ghalhekk tibdi billi in succint taghmel referenza ghax-xhieda ta' ***Omissis*** moghtija fit- 30 ta' Ottubru , 2015 li xehed fl-eta' ta' tmintax (18)-il sena. Spjega li kienet is-sena skolastika bejn l-09 u l-10 li kien beda jmur grupp ta' vokazzjonijiet li kien jiehu hsiebu Father Donald f'Burmarrad u kien hajru biex jibda jattendi dan il-grupp tal-vokazzjonijiet u kienu jiltaqghu qisu darba f'xahar. Wara certu zmien kienu grupp ta' hamsa (5) u bdew imorru qisu esperjenzi jumejn (2) maghhom jghixu mahhom mal-qassisin. Kienu jmorru Burmarrad fil-kunvent taghhom ta' Frangiskani Konventwali. Ikkonferma li meta kienu jmorru dawn l-esperjenzi kien lejn l-istagun tas-sajf jigifieri fl-elfejn u ghaxra (2010). Kienu jkunu hames (5) zaghzagh u kienu jmorru jorqdu hemmhekk il-Gimgha, s-Sibt u l-Hadd filghodu. Kienu anke jitilghu xi erbat'ijiem Ghawdex fis-sajf generalment Dar Paci u Gid. Dawn iz-zaghzagh fil-grupp kienu ***Omissis***, ***Omissis***, ***Omissis*** u ***Omissis***. Dak iz-zmien kellu tlettax (13), erbatax (14)-il sena. Dwar ir-rapport qal li l-ewwel marru jitkellmu l-Kurja u l-kurja heggewh biex imorru jitkellmu mal-Pulizija.

L-ewwel darba kienet esperjenza normali fis-sens li kienu jmorru jaraw kif jghixu l-qassisin, kienu jaghmlu attivitajiet flimkien u baqghu jmorru dawn l-esperjenzi. Filghaxija generalment kienu jintefghu fil-kamra ta' Father Donald jaraw film. Spjega li '*x'hin jispicca l-film jigbidna lili, jigbidni lejh x'hin jitlaq kulhadd mill-kamra.*' biex jibqa' wara. Kien jghanqu u jitkellmu ftit imbaghad kien izommu fil-kamra. Spjega li l-ewwel tlett (3) darbiet kien hemm masturbazzjoni lil xulxin, kienu jkunu bil-hwejjeg tas-sajf, pygama tas-sajf. Jogging shorts, flokk ta' taht. Kien jghanqu. L-ewwel darba bdew jitkellmu imbaghad '*tipo jdahhal idejh gox-shorts*' u minn hemmhekk bdiet il-masturbazzjoni. Ikkonferma li beda jimmasturba lix-xhud u hu dak il-hin ma rreagixxiex. Spjega li l-haga kienet reciproka jigifieri anke x-xhud immasturbah. Mistoqsi jekk qabad u beda jimmasturbah jew qallux xi haga hu wiegeb '*Kien hajjarni*'. Mistoqsi kif hajru wiegeb '*Pogga idi fuq il-parti tieghu*.' Wara li waqfu ma qallu xejn. Immasturbaw sal-ahhar fejn lestew it-tnejn li huma. Dawn l-events kienu jmorru darba kull xahrejn u kull lejl li kienu jkunu hemm. Spjega li l-ewwel tlett (3) darbiet saret il-masturbazzjoni kif spjega. Mir-raba' (4) darba 'l quddiem beda jressaq wiccu lejn wicc ix-xhud u kien hemm bews u masturbazzjoni. Qatt ma qalu xejn. Spjega li

masturbazzjoni u bews kien hemm. Mistoqsi jekk apparti dawn l-affarijiet grawx xi affarijiet ohrajn wiegeb le. Rega mistoqsi sabiex tohrog il-verita, wiegeb li kien hemm sess orali bejniethom, mhux fil-bidu. Kienet reciproka. Qatt ma rah jaghmel xi haga hekk fuq haddiehor ghalhekk qatt ma ssuspetta.

Spjega li kull erba' (4) snin ikollhom kapitlu fejn il-qassisin jinbidlu minn kunvent ghall-iehor. Ix-xhud kien jghin fil-knisja u peress li kienu hbieb u jafu lil xulxin kien iktar involva ruhu fl-attivitajiet, kienu jarmaw affarijiet ghal festi, Gimgha l-Kbira. Kienu jkunu fil-kunvent ir-Rabat fil-kamra ta' Father Donald isfel, fejn kien gara kollox jigifieri kemm masturbazzjoni u anke sess orali. L-ahhar li graw dawn l-affarijiet kienu cirka sena u nofs ilu r-Rabat u ddecieda li jieqaflu. Spjega li l-'*attitudni tieghi ghamilt fis-sens anke x'hin kien jersaq vicin kont bl-elbow.*' Spjega li '*Push him back.*' Dawn kienu jigru fi zmien il-festi meta qed jippreparaw ghal Gimgha l-kbira, waqt xi attivitajiet li kienu jaghmlu Pasta Nights, ikliet, affarijiet ghal Milied u ghal festa. Il-preparamenti kienu ijibdew gimghatejn, tlieta qabel. Kien jinzel qisu tlett (3) darbiet, erba' (4) darbiet fil-gimgha u dawn l-affarijiet kienu jsiru kull darba li jmur. Father Donald kien habib tal-familja mbaghad, kien jitla' d-dar darbtejn fil-gimgha jiekol maghhom fi-dar ir-Rabat. L-attitudni tax-xhud kienet tkun differenti, kien ikun stramb, li kien tkellem m'ommu li tifel stramb, kien jitla lejn kamartu kif jigi jew jara kif johrog. Kien wasal f'dak il-punt li kien sar jiddejjaq allura anke l-attitudni, persuntu kienet iddejjqu. Meta kienu jigru dawn l-affarijiet kien ihoss sens ta' rabja ghalih. Huwa gharaf lill-imputat fl-awla.

Spjega li '*Qisu waqaftlu sena u nofs ilu fis-sens darba konna nzilna minn dan il-live-ins li ntellghu l-abbatini minn Ghawdex u kien kont indunajt kien ilu naqra nkwetat u darba minnhom staqsieni tkellimt xi haga jew hekk u fis-sens bdew johdulu, hadulu l-abbatini.*' Spjega kif darba minnhom wara l-quddies ta' filghodu kien staqsih jekk tkellem xi haga u qallu le. Ghalhekk kien induna li kien hemm haddiehor involut u dan ghax nehhewlu l-abbatini, nehhewlu l-iskola, l-affarijiet li ghandu x'jaqsmu mat-tfal nehhewhomlu u qal li jrid jieqaflu. B'xi mod irnexxielu, kienet naqra difficli izda rnexxielu.

***Omissis*** xehed ukoll in kontro-ezami permezz tal-procedura tal-video conference fit-8 ta' Jannar, 2019. Ikkonferma l-proceduri inbdew fis-sena elfejn u hmistax (2015) konsegwenza ta' rapport li ghamlet ommu. Ikkonferma li jixtieq li jkompli bil-

proceduri. Ikkonferma li kienet decizjoni li tkellem ma' ommu biex imur il-Kurja u kienet l-ahjar decizjoni. Li ommu sabet il-persuna addatta li jriedu jitkellmu maghha u marru jitkellmu. Ikkonferma li d-diskussjoni ma' omm bdiet fuq l-orjentazzjoni sesswali tieghu u kompliet fuq Fr Donald. Xehed li ommu mara tal-familja izzomm dixxiplina izda mhux dixxiplina stretta. Ikkonferma li l-konverzazzjoni saret fl-elfejn u erbatax (2014) meta kellu sbatax-il sena. Il-kliem ma kienx kif issugerixxa l-Avukat difensur li qal lil ommu li l-orientezzjoni sesswali tieghu hija hekk minhabba Fr Donald. Ommu hadet shock meta qalilha dwar l-orientazzjoni sesswali tieghu u maz-zmien accettat. Spjega li tkellmu ma' Andrew Azzopardi tal-Kurja, raw l-affarijiet kif inhuma u li semma li kien hemm bicca qisu tracca u qalilhom jekk jixtiequx jipprocedu jew iwaqfu kollox. Iddiskutew li raw l-ahjar haga jkomplu. Iddiskutew bhala familja x'hin kienu fl-ufficju ma' Andrew Azzopardi. Xehed li Glen Micallef kien is-sagristan u Joe Aquilina kien voluntier. Mhux dejjem kienu jkunu prezenti waqt xoghol relatat ma armar ta' festi. Fr Donald kien residenti hemmhekk. Dan l-armar tal-festa kien isir gol-kunvent tal-knisja, gol-knisja stess. Dan kien jikkonsisti f'tizjin, fil-Gimgha l-Kbira jintramaw kurituri tal-kunvent bi slaleb, knisja festa, artali, fjuretti. Il-volontarjat kienu fejn ikun hemm bzonn min ikun jista' jattendi. Mar ghand Andrew Azzopardi bejn meta kellu sbatax (17) u tmintax (18) -il sena. Kien il-bidu ta' meta kellu sbatax (17) li ha din id-decizjoni li jwaqqaf din ir-relazzjoni li kellu ma' Fr Donald. Nies li involvew ruhhom fil-volontarjat kien hemm hafna fosthom missier Glenn Micallef John, ommu Sina, Mary tghid issajjar, Polly.

Dwar l-imputat spjega li '*Affarijiet pozittivi ezempju l-kitarri, ndoqqu l-kitarri affarijeit pozittivi, imma mbaghd li tara li ghaddejna minnu bhala familja, kif ghaddejna minn din it-trawma nahseb il-pozittivita ma tantx tkun prezenti*'. Telaq mill-grupp tal-vokazzjonijiet fis-sena 2014, l-ewwel kienu jsiru Burmarrad minn Fr Donald u mbaghad hadu f'idejh Fr Mario Sant minn Birkirkara. Mistoqsi dwar ir-raguni ghala waqaf mill-grupp tal-vokazzjonijiet jekk kelliex x'taqsam ma' Fr Donald ghax ma kienx ghadu hemm f'dak iz-zmien wiegeb li le kellu affarijiet tal-iskola, studju u kien jitghallem il-kitarra klassika, bl-istudju tal-iskola, muzika u kellu jwarrab. Il-live ins kienu jsiru Marsalforn Paci u gid u l-Kunvent ir-Rabat u Burmarrad. Meta kien ikun hemm live-ins ta' Ghawdex ta' Marsalforn ghal bidu kienu jitilghu gruppi kbar, kien ikun hemm il-genituri ta' wiehed ta' ***Omissis*** u eventwalment bdiet titla' persuna ohra meta bdew

inaqsu titla' mara voluntiera maghhom. Aktar omm ***Omissis*** kienet titla u mbaghad Tessi u wahda mara, nies maturi. Ghawdex kellhom dormitorju kbir, fl-ahhar sular meta kienu jitilghu Tessie, ir-ragel taghha kien joqghod maghhom fid-dormitorju u n-nisa kien ikollhom il-kamra li tigi ezatt fejn id-dormitorju. Il-vellegatura ta' San Pawl il-Bahar hija villegatura personali tal-familja taghhom, qatt ma saru live-ins.

Din il-Qorti sejra ukoll taghmel referenza ghax-xhieda tal-genituri ta' ***Omissis***. ***Omissis*** fis-seduta tat- 23 ta' Frar, 2016 xehdet li r-rapport kien rigward abbuz sesswali mill-akkuzat. Spjegat kemm kienu jafu lill-appellant u kemm kien iqatta hin mal-familja taghhom. Xehdet dwar li t-tifel taghha ***Omissis*** kien qallilha '*trid tkun taf x' ghandi ? Il-Qassis messni. Ghidtlu messek, messek kif ? Ghidtlu u bdejt nirrabja u nsaqsih hafna domandi f' xulxin. Messek kif ? Meta ? X' hin ? Kif ? Fejn kontu tkunu ? Darba ? Ghax darba mod. Le qalli Ma, bosta drabi. Bosta drabi ? Fejn ? Kif ? Kemm -il darba. Kemm il- darba ma tafx ? Uh snin qalli, ilna madwar 3 snin Ma. Hass hazin ried itini, hass hazin kbir mietet*' It-tifel id-diskors qalu '*Brabja kbira b' zewg skossi qalu. U ridt inkun naf izjed imma li hadt hadt. Bosta drabi fejn u kif fl-ahhar hareg li kienu jidhlu gol-kamra li kellu fil-Kunvent t' isfel li taparsi jzomm il-kitarra fiha huma u jillestu minn xi attivita*'. ' Spjegat kif '*U missieru rega' beda jsaqsih, isaqsih. Qallu mhux diga' ghidtlek qalu li ghidt lil mummy huwa minnu. Ghax iddejjaq jirrepeti dak li qal. Missieru saqsih xi mistoqsijiet naqra intimi kellux relazzjoni orali jew minn wara it-tifel qal li le. Wasalna biex isaqsih kif spicca u meta, qal li kien ilu xi sena, sena u nofs li spicca u kif spicca ghaliex kienu johorgu mill-attivita', jaqbad lit-tifel minn dirghajh u jghidlu nidhlu sal-kamra. It-tifel kien jissuppervja u jghidlu le u jimbuttah lura.*' Spjegat li '*Qeridieli familja ghaliex ninsabu mfarkin. It-tifel niehdu ghand is-Psychologist il-kbir. Missieru mignun. Missieru ma jistax jaccetta. Anke z-zghir. Iz-zghir ma jistax jemmen kif Father irnexxielu jaghmel dawn l-affarijiet daqshekk pastazi. Haseb fih innifsu biss haseb. Li kieku kien jahseb xi haga ohra ma kienx jeqridna hekk. Kien jiekol spalla ma' spalla maghna fuq l-istess mejda...*'

***Omissis*** fis-seduta tat- 23 ta' Frar ,2016 fost affarijiet ohra spjega li '*Id-domanda qalli, ghidtlu x' ghamillek ? qalli l-mummy ma qaltliex, it-tifel qal li prova jirreziztih lil Qassis kien itih bil-minkeb biex ihallih*'. Dwar il-konsegwenzi ta' dan qal li '*L-attitudni li dan speci x' hin tara t-tifel gej hekk bdejt dan bniedem minni li gie mbaghbas minn Qassis. t-tifel ma jridx imur speci jrid imur il-festa tal-Madonna u qal din is-sena ha jitlifha fil-fatt ma tilifiex. Sibt liz-zghir wahdu biex nara li din qalli le Pa zgur. Imma jien dik ma nistax nifhem kien jigi speci*

*kien jidhol go dari u jara dan il-hmieg kien jibqa' jigi do dari. Ma flahtiex dik jien li kien speci jien bilqeghda hawn u hu bilqghda hawn fuq il-mejda.'*

Ghal dak li jirrigwarda ***Omissis***, **l-Ispettur Joseph Busuttil** fis-seduta tas- 16 ta' Ottubru, 2015 spjega li '***Omissis*** *stqarr mal-Pulizija illi diversi okkazzjonijiet grawn dawn it-tipi ta' incidenti li graw Burmarraf fir-Retreat Home ta' Burmarrad u kemm ukoll ta' Marsalforn li tinsab Ghawdex, fejn minbarra li kien hemm attivitajiet sesswali fis-sens ta' masturbazzjoni li kien hemm ukoll sess orali bejniethom bejn it-tnejn (2) li huma u din sehhet kemm f' dawn iz-zewg (2) postijiet ta' Retreat Home li qed nghid u kif ukoll gewwa r-Rabat minhabba l-fatt illi* ***Omissis*** *jghix ir-Rbat u kien jiffrekwenta hafna ghaqdiet tal-Armar u dawn l-affarijiet fi hdan il-knisja u kienu gieli graw dawn l-affarijiet fil-kamra fejn jiltaqghu kif spjegali* ***Omissis****, il-Kamra tal-Legion fejn sar sess orali hemmhekk ukoll.'* Huwa spjega li ***Omissis*** spjega li Father Donald Bellizzi kien habib tal-familja, kien gieli imur jiekol ghandhom u gieli jmur biex jitkellem maghhom u ***Omissis*** qallu li ma bedax ihossu komdu b'dawn l-affarijiet u ghalhekk meta jigi l-imputat kien jitla l'fuq. Li kien jipprova jevitah. L-Ispettur spjega li '***Omissis*** *dan l-ahhar hass illi kellu johrog fil-berah illi hu ghandu orjentajiet sesswali li hu migbud lejn guvintur u kellem lil ommu fuqha u qalilha, qallha ma nafx kif se nghidlek meta beda jispjegalha, qalilha jiena qed nissuspetta illi gara hekk minhabba dawn l-espisodji li kienu grawli...'*[5]

**Andrew Azzopardi** fix-xhieda tieghu tad- 19 ta' Jannar 2016 spjega li fil-Kurja huwa responsabbli mill-policy u proceduri fi hdan il-Knisja fejn jidhlu xoghol ta' tfal. Spjega li '*l-ewwel li smajt bl-allegazzjoni fuq father Donald Bellizzi kien f' Ottubru meta gie jkellimni z-zaghzugh jismu* ***Omissis*** *minghalija u bazikament qalli li father Donald Bellizzi kien abbuzah sesswalment. Saqsejtu x' kien gara bejn father Donald u bejnu u Spjegali li kien hemm xi, li father Donald kien miss il-parti tieghu pero' ma kienx hemm sexual intercourse. Saqsejtu jekk jixtieqx imur,* ***Omissis****, ta' min jghid li* ***Omissis*** *kellu 'l fuq minn 18 -il sena dak iz-zmien meta ltqajt mieghu u l-abbuz, l-allegat abbuz gara meta kellu ma nafx kellu 15, 16 ma niftakarx ezatt kemm kellu dak iz-zmien, ghandi miktub pero'*. Spjega li '*Saqsejtu jekk jixtieq imur jirraporta ghand il-Pulizija peress li hu kien maggorenni jiena ma stajtx nirraporta lil*

---

[5] Izda meta ***Omissis*** xehed in kontro-ezami permezz tal-procedura tal-video conference fit-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) gie mistoqsi *'lil mama ghidtilha f' din il-konverzazzjoni illi l-orjentazzjoni sesswali tieghek hija hekk minhabba Fr Donald ?'* u wiegeb *'Il-kliem ma kienx hekk'*. Mistoqsi '*Jigifieri l-orjentazzjoni sesswali tieghek kienet xi haga tieghek u ma kellha x' taqsam xejn ma' Fr Donald ?'* wiegeb *'Haga personali tieghi, iddiskutejtha mal-mummy u eventwalment mal-familja. Li mbghad through hekk harget il-bicca ta'*.

*Pulizija ghax kellna bzonn kunsens minn naha tieghu u hu qalli li, dak iz-zmien qalli li ma jixtieqx imur ghand il-Pulizija, ma jixtieqx iktar problemi u trouble u saqsejtu biex jahseb fuqha u jekk ibiddel il-fehma tieghu biex icempilli, tajtu n-numru tieghi. Ta' min jghid li hu gie jkellimni ghax hu kien qal lil genituri tieghu u l-mama tieghu ghamlet appuntamenti mieghi. U l-mama tieghu prezentatli l-problema t-tifel taghha kellu relazzjoni ma' Patri ghal hames snin. Imbaghad kellimt lil* ***Omissis*** *wahdu ghax tlabt lil genituri tieghu johorgu mill-kamra.'* Spjega li ghamel laqgha mal-Provincjal tal-Frangiskani konventwali li kien Provincjal gdid Patri George Zammit biex jitlob ftit ta' informazzjoni biex jara jekk kien hemm xi *concerns* li kienu jafu huma fuq Patri Bellizzi. Ghamel aktar ricerka u induna b'allegazzjonijiet ohra li ghamel ***Omissis*** u saru allegazzjonijiet ukoll minn Omissis. Huwa xehed dwar l-involviment tieghu u dwar dak li sar jaf.

**Father Paul sive Alfred Calleja** fix-xhieda tieghu tat- 23 ta' Ottubru 2015 xehed dwar ilmenti li rcieva u allegazzjonijiet fil-konfront tal-appellant li gie a konjizzjoni taghhom u cioe' fejn kien gie mitkellem minn ***Omissis*** li kellu tifel fil-grupp tal-vokazzjonijiet li t-tifel kien tah x'jifhem li Donald kien juri xi atteggajmanti daqxejn goffi '*hu qalli bsataz bhal ma ried jghid sesswali probabbilment qed tifhem.*' Xehed ukoll dwar li sar jaf dwar allegazzjoni ta' abbuz sesswali fuq ***Omissis*** u xehed ukoll dwar il-passi li huwa Father Paul sive Alfred Calleja ha fil-konfront tal-appellant.

Huwa fost affarijiet ohra xehed ukoll li '*Persuni sekulari illi sabuni illi qaluli illi qed ihossuhom imdejjqin illi Donald Bellizzi li kien patri go din il-komunita' qieghed jiffrekwenta familja. Jiena ma nafhiex dil-familja, lanqas naf x'kunjomha, lanqas naf fejn toqghod. Imma qalli li qed jiffrekwenta ta' spiss lil din il-familja.*' Din il-familja toqghod ir-Rabat, Malta. Li kien qed imur ta' spiss u qed jaghti ftit '*mhux skandli imma fastidju lil certi nies li qed imur ta' spiss ghandha din il-familja...*'

Din il-Qorti sejra taghmel referenza in succint ta' dak li allegaw persuni ohra. L-Ewwel Qorti izda sabet htija tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet kif riferibbli ghal ***Omissis*** u mhux ghal minuri l-ohra.

***Omissis*** xehed permezz tal-procedura tal-video conferencing fit- 30 ta' Ottubru, 2015 fejn xehed dwar meta kellu bejn tlettax (13) u erbatax (14)-il sena fejn spjega li l-imputat kien izid kull darba fil-mossi tieghu '*jigifieri fil-bidu kien hemm imiss il-parti taghna jigifieri.*' Xehed dwar dak li l-appellant kien jaghmel fuq ix-xhud u fuq dak li x-xhud kien jara fuq hadd iehor. Dwar dak li gara Burmarrad xehed li fil- '*bidu kien*

*kemm ipoggi idu fuq il-parti tieghi biss'* Spjega '*U kompla sakemm izid jigifieri jdahhal idu gewwa l-qalziet u jimmasturba sakemm ilesti fuqi. Meta mbaghad jiena bdejt, bdejt nara sew gejt konxju verament xhinu jigrili qadt ghassa biex nara jekk lil haddiehor hux jaghmillu l-istess u fil-hin ta' filghaxija fil-hin tal-irqad bdejt ninnota li fuq haddiehor qed jaghmel l-istess procedura. Donald beda jzid jigifieri ma waqafx ezempju fl-istadju jbaghbas biss.*' Iktar ma jghaddu x-xhur iktar beda jzid fil-mossi tieghu. Spjega li umbaghad kompla sakemm jimmasturba lix-xhud. Dan ghamilulu qisu tlett (3) darbiet. Jghid li ma kienux jitkellmu u dan generalment kien jaghmlu qabel fil-hin tal-irqad, qabel ma jorqdu. Grawlu Burmarrad u Ghawdex. Mistoqsi meta kien jimmasturba lix-xhud jekk kien jibqa' sejjer sal-ahhar wiegeb '*Ijja, ijja kien, id-darbtejn (2) li huma kien ghamel wasal sal-ahhar, darba biss*'. Darba biss ma lestiex. Ma kienx jitolbu li jaghmillu reciprokament. L-appellant biss kien idahhal idu u jimmasturba lix-xhud. Spjega kif beda joqghod ghassa u '*kont narah jigifieri jpoggi fejn ikun rieqed l-ohrajn u kont jigifieri nara jdahhal idejh ukoll u jibqa' qisu dak l-iskiet ta' bejniethom.*' Mistoqsi lil minn rah jaghmel hekk wiegeb '*Ija rajt lil **Omissis** u 'l huh qisu 'l hu **Omissis**.*' Jigifieri ra lil ***Omissis*** u lil huh ***Omissis***. Mistoqsi kif kien ihossu meta jigru dawn l-affarijiet wiegeb li '*Ghal bidu ifhem bdejt inhossni qed niggennen qisu biza' mhux veru li qed jigri dik kienet l-ewwel qisu li gieghelitni nara x'qed jaghmel lil haddiehor, biex nara jekk inhiex qed niggennen u hekk jigifieri. Heqq dejjem hasni biza' jigifieri minnu jigifieri kull meta rajtu riesaq lejja ma flahtx niccaqlaq jew inkellmu jigifieri qisni kont naf x'gej.*'

***Omissis*** kien xehed in kontro-ezami permezz tal-procedura tal-video conferencing fil-25 ta' April, 2018 fejn fost affarijiet ohra kkonferma li l-ohrajn gieli kienu jkunu rieqdin waqt li sehh dak li ddeskriva fix-xhieda precedenti. Spjega li '*kemm -il darba kont narah imur hdejn dak il-persuna u jaghmel dawn l-affarijiet. X' se taqbad, jien dak il-hin mhux se toqghod tghid ghajnuni, ghajnuni x' se tghid ? Dak il-hin qas kont naf jekk dak li qed jigri hux veru jew le ghax tinhasad dak il-hin. Mhux se toqghod tghidilom ejjew ghejnuni qed ibaghbasni ma tarax. Dak il-hin qas tkun taf.*' Ma kienx jafx kif ghandu jirreagixxi ghalhekk ma ghajjatx l-ghajnuna ta' shabu. Spjega li fid-dormitorju ta' Ghawdex fuqu ma ghamillux hemmhekk izda kien ra, spjega li '*jien kont noqghod atttent ghax tghidli bhal ma rajt inti ma setghux jaraw haddiehor ? Jiena kont noqghod attent biex nara jekk dawn l-affarijiet ma kinux isiru lili biss qed tifhem ?*' Ma kienx tkellem ma subien ohra, ma kienx jaf minn kienu l-vittmi jigifieri min ghamel rapport. In ri-ezami xehed li '*hu saqsieni ghaliex qatt m' ghajjat lil shabek fuqha, jiena ghalhekk wara kont immur biex, irreferejt li kont noqghod*

*attent nara lil hadiehor jekk kienx qed imissu jew le biex kont nara kontx wahdi jew le, dak li hassejt hux veru jew le. Jigifieri dak il-hin jiena hassejtni mhux qed nohlom qisek tghid veru jew le, bqajt b' dik id-dilemma veru jew le. Imma bqajt ixxukjat qed tifhem.*' Mistoqsi '*U inti spjegajtilna ftit ilu illi inti qatt m' ghajjat lil shabek, qatt ma tlabt l-ghajnuna u dawn l-affarijiet. X'kienet ir-raguni ? Ghaliex qatt m' ghamiltha din ?*' wiegeb '*Ghax haga serja uh inqala hafna panic fuqha, ghalhekk qatt ma tkellimt, qatt ma ftaht. Infatti mhux jien bdejtu l-kaz, qatt ma ridt jigifieri niftah dan il-kaz ghax qisek ha tfaqqa bicca, mhux qed tghid ezempju xi haga tac-cajt uh*' Xehed li '*Qisek ma tkunx trid taqbad thammeg persuna hekk allura ridt inkun cert fuqha qabel ma tkellimt*'.

***Omissis*** fis-seduta tal- 10 ta' Dicembru, 2015 xehed dwar kif meta gew il-Pulizija f'daru kien innega u kien qal li ma kien gara xejn. Sussegwentement kien iddecieda li jitkellem mal-Pulizija wara li kien tkellem ma' Andrew Azzopardi mill-kurja. Kellu madwar erbatax-il sena meta kien fis-sodda mal-father qed jaraw film f'live in, it-tfal l-ohra kienu telqu filghodu u hu kien baqa hemm sa wara nofsinhar. Spjega li '*Konna qed nitkellmu jien u l-Father u f' hin minnhom dahhal idejh hemm hemmhekk*' u cioe' minn taht il-hwejjeg fuq il-gilda. Halla subghajh hemm u zammu hemm ghal ftit sekondi forsi xi tletin (30) sekonda. Huwa kienx irreagixxa ghax kien ixxukjat. Drabi ohra kien messlu l-koxxa, kien jaghmel idejh u kemm jaghfas il-koxxa.

***Omissis*** kien xehed in kontro-ezami bil-procedura tal-video conferencing fis- 26 ta' Gunju, 2018 fejn rega xehed dwar li '*the hand underneath the boxer*' ghal madwar tletin (30) sekonda u li kkonferma li wara l-appellant hareg idu b'mod volontarju. Drabi ohra kien messlu l-koxxa izda dakinhar biss messlu l-partijiet privati. In ri-ezami mistoqsi dwar li lil Pulizija ma qalilhom xejn u wara minn rajh mar ikellem lil Andrew Azzopardi wiegeb li '*ghax fis-sens dakinhar meta gew il-pulizija ghandi ma kontx ghidtilhom x' gara u mbaghad, ghax kont under shock fis-sens wara dak iz-zmien qisu, kont under shock. Imbaghad ghidt tipo sexually something had happened so I wanted to speak it out.*' Kien skomdu u qatt ma qal xejn. Dwar l-indicent partikolari fejn dahhal idu fil-boxer shorts tax-xhud mistoqsi kif hassu dakinhar qal '*It was shocking fis-sens il-haga imma fis-sens ma kontx naf kif ha nirreagixxi so m' ghidt xejn*'. Ikkonferma li baqghu jitkellmu normali izda kienet '*an uncomfortable situation*'. Huwa xorta baqa' jattendi l-grupp tal-vokazzjoniiet anke sa kemm baqa' Donald Bellizzi u wara.

***Omissis*** li xehed permezz tal-procedura tal-video conferencing fl-10 ta' Dicembru 2015 spjega li kien jattendi l-vokazzjonijiet minn mindu kien zghir hafna minn wara Father Antoine ta' xi tnax (12) marru ma' Father Donald Bellizzi. Kienu bdew laqghat Burmarrad ghax kien kappillan hemmhekk u kien ikollhom live-ins Ghawdex. Fuq haddiehor ma ra xejn partikolari hlief li kellu kunfidenzja zejda, '*just jitfa idejh hawnhekk. Xi kultant kien jaqbad naqra l-argument fuq is-sess u hekk imma just, gieli konna, Almenu ta' dik l-eta' kont nahseb biex jghinha biex inqerru u hekk.*' Spjega li f'Marsalforn Ghawdex Dar Paci u Gid ix-showers kienu cubicles, tlieta hdejn xulxin u fuq mhux mghotti u jiftakru jiehu r-ritratt ghax il-flash jidher. Jghid li hu biss kellu camera. Spjega li l-appellant kien anke kien ipoggi idu fuq saqajn ix-xhud u jaghfas ezempju fil-van. Jiftakru jdahhal ramel fil-qalziet tat-tfal u jaghmel wedgie. Kien ihossu skomdu u kien jevitahom. Ma rahx imiss lil haddiehor apparti il-wedgies.

***Omissis*** xehed in kontro-ezami permezz tal-procedura tal-video conferencing fis-26 ta' Gunju, 2018 fejn xehed dwar Burmarrad fejn ikkonferma li kienu raqdu fuq saqqijiet u kien hemm soddod u Ghawdex kien ikun hemm grupp kbir u gieli raqdu genituri li minghalih kienu jorqdu isfel hdejn il-kcina mhux fl-istess sular. Huwa ma jiftakarx li mess camera b'idu.

***Omissis*** kien xehed permezz tal-procedura tal-video conference fil- 11 ta' Mejju 2016 fejn spjega li l-appellant l-ewwel kien jafu il-Qawra kien anke f'grupp ta' abbatini taz-zghazagh u mbaghad komplew fil-grupp tal-vokazzjonijiet anke Burmarrad fejn kien ikollhom live ins mieghu fil-Kunvent ta' Burmarrad. Gieli kien hemm kopji kienu jiehdu hsiebhom mill-Qawra u anke minn Burmarrad. Hamsa kien ikollhom live ins iktar spiss f'Burmarrad. Jahseb li kien fl-elfejn u hdax (2011) kien form 4. Spjega li beda jdejqu l-mod ta' kif kien jiccajta, li l-appellant '*beda jiccajta goff mieghi qabel norqdu u kien ha jmiss il-partijiet tieghi u hekk u mbaghad iddejjaqt. Kont nghidilhom anke lil genituri u ma bqajtx immur. U bdejt niddejjaq. Bdejt nahseb hafna fuqha u affarijiet hekk dak iz-zmien kont ghadni Form 4 u ma bqajtx immur minhabba dik il-haga*'. Spjega li '*jien 'l iktar li niftakar fuqi darba pprova imma ma rnexxielux kont zammejtu jiena, zammejtlu idejh jiena jigifieri malli ndunajt li ha jipprova. Imma kont nisma' anke lil shabi jitkellmu fuqha l-haga u hekk li kien jipprova imma jiena fuqi nghid u niccara jigifieri prova darba imma ma rnexxielux , ma hallejtux*'. Prova jimisslu l-partijiet tieghu minn barra imma zamlu jdejh. Kienu hamsa fil-kamra. Kien gieli tkellem ma' Omissis, kien jghidlu li jiccajta goff u dawn l-affarijiet

kienu jdejquh. Ix-xhud kein isejjahlu iktar cajt goff allavolja kien npprova jaghmel dawn l-affarijiet. Dawn kienu jsiru filghaxija generalment qabel jorqdu. Waqaf imur ghax ic-cajf goff beda jdejqu, u kellu hafna studju u beda jiddejjaq.

***Omissis*** xehed permezz tal-procedura tal-video conference in kontro-ezami fil- 25 ta' April ,2018 fejn qal li ma jafx meta kien jattendi il-laqghat izda jahseb form 3, form 4 kienu jattendu l-laqghat fil-weeekend. Minghajlih xi elfejn u ghaxra (2010). Waqaf kompletament mill-laqghat fl-elfejn u tnax (2012). Xehed dwar kif huma l-kmamar fil-kunvent fejn kienu jorqdu, xehed dwar ic-cajt goff izzejjed fuqu specjalment u li qatt ma hallih jaghmel xejn. Kien imur naqra oltre minn cajt goff. Dejjem grat qabel ma jorqdu. ***Omissis*** u ***Omissis*** gieli kelmuh fuq dan ic-cajt. Ikkonferma li Ghawdex kien dormitorju mdaqqas u kien jesa xi ghoxrin (20) zgur. Il-helpers gieli jorqdu fl-istesss dormitorju u gieli f'kamra hdejn id-dormitorju fl-istess sular. Mistoqsi jekk dawn l-attivitajiet ta' cajt goff jekk jaf jekk grawx meta ma kienx prezenti jew f'postijeit ohrajn qal li qatt ma qalulu xejn u kien jitkellem hafna ma' ***Omissis*** u ma jahsibx li tkellmu fuq din il-haga. Ic-cajf goff kien ikun fuq ix-xhud, hafna tgharix u kien prova iressaq idejh lejn postijiet tieghu go daru imma kien ressaqielu mal-ewwel fil-kaz tieghu. Ikkonferma li kien jiddejjaq u kien jimbuttalu idejh. Jghid li '*kien jibda bhala cajt imma mbaghad kien qisu jmur livell ultra minn cajt*'.

***Omissis***, missier ***Omissis*** fix-xhieda tat- 23 ta' Frar, 2016 fost affarijiet ohra xehed dwar li t-tifel, dwar l-imputat kien qallu li '*Npprova, npprova jmissni jigifieri imma ma hallejtux*'. Ix-xhud kien qal lil Father Samuel u wara kien kellem lil Father Alfred dwar dan.

L-appellant minn naha tieghu fl-istqarrija rilaxxata fit- 13 ta' Ottubru, 2015 cahad l-allegazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Ghalkemm ikkonferma li gieli tefa idejh fuq kuxtejn dawn iz-zghazagh bhala sens ta' affett izda cahad li mess partijiet genitali ta' xi hadd. L-appellant kif kellu dritt li jaghmel ghazel li ma jixhidx izda ressaq numru ta' xhieda in difeza. Wahda minn dawn ix-xhieda kienet **Daniela Zerafa** li xehdet fis-7 ta' Mejju 2019 dwar fost affarijiet ohra, ix-xoghol tajjeb li ghamel l-appellant izda xehdet ukoll dwar incident fejn '*il-Father imtedd fuq ir-ramel konna u rasu poggiha fuq kuxxtejn ta' wiehed tifel tipo tifel, guvni mhux tifel zghir dan kellu xi 13, 14.*' Spjegat li qatt ma rat xi haga li '*tikkwalifika bhala direttament abbuziva pero*' *li kien hemm qisu qbiz ta' boundaries*'. Dwar ***Omissis*** xehdet li '*Jiena fis-sens sirt nafu mhux hazin ghax hu kien wiehed mill-ispeci ta dejjem ikun hemm taf kif ? Allura huwa wiehed mill-izjed li naf, huwa*

*tifel kwiet hafna, il-behaviour on a social level xi kulltant kienet tkun qisha mhux at par ma' zghazagh ohra daqsu on a social level so qisek iebes socjalment iebes taf xi rrid nghid ? Speci qisek these typical alter boys and qisu addoloxxenti li qisu l-hajja taghhom iddur mal-iSkola, il-familja, il-Knisja protetti hafna. Imma protetti hafna mhux jigifieri ghax biss ghax qisek il-parent qed tipprotegih ghax* ***Omissis*** *per ezempju ghandu huh completely different story. Qisu hu kellu limitations anke jigifieri fl-iSkola u hekk kien ibaghti biex ilahhaq jigifieri there were certain limitations.'* Spjegat li '*Jien nahseb kieku niddeskrivih nahseb, kieku niddeskrivih milli nafu jiena he was a very good boy. That would like fit him very naive good boy I think.'* Mistoqsija dwar jekk ratx lil ***Omissis*** matul iz-zmien jinbidel wiegbet li '*Mieghi ma nistax nghid li nbidel imma kien hemm punti meta qisu l-behaviour tieghu kont naraha stramba specjalment f' dan il-kuntest qisu jien mal-father nafu dan* ***Omissis****. Per ezempju fil-bidu li l-Father din niftakarha cara, fil-bidu li l-Father minn Burmarrad mar ir-Rabat kien hemm relazzjoni li kienet tidher pozittiva hafna jigifieri f' dak is-sens illi t-tifel anke jkun wahdu mieghi mhux hemm il-Father speci jghid affarijiet bhal dak li ghamel maghna Burmarrad issa rridu npattulu li gie r-Rabat on a positive level like ghalhekk il-mummy meta ssajjar u l-Father ma jistax jigi jiekol id-dar jien nigi hawnhekku ngiblu l-ikel. Hu ghamel maghna hemm u ahna issa naghmlu mieghu hawn. Qisu x' hin it-tifel beda jikber kont nara izjed li speci ta he brushes him off, qisu jkun hemm mumenti meta bil kemm ikellmu, so qisu the relationship changed from qisu a doting one bhal meta int qisek qed tara role model li vera tammira u trid tkun bhala ghal speci ta qisek kwazi one li jiena qisu kwazi one li jiena qisu mill-boghod hafna kont qisu naraha kwazi verging on anger. Speci ta kien hemm ukoll at one point meta l-Father stess kien beda jghid li t-tifel* ***Omissis*** *jigifieri qed jevitah ma jrid ikellmu speci kont qisu nghid that's strange qisu ghax dejjem kont nara relazzjoni pozittiva imma qatt iddiskussjoni marret hafna iktar mill-fond, fil-fond minn hekk. Jien kont qisni nghid dan kiber issa taf kif speci qed jipprova johrog mill-qoxra u ma jibqax. Jiena at that point hekk kont interpretajtha ovvjament speci ta meta sirt naf l-allegations jista' jkun, allegations ok imma qisu taghmel, tghid mela jista'jkun kien hemm din l-issue, jista' jkun ma nafx.'*

**AC Ian Abdilla** fis-seduta tal-5 ta' Frar, 2019 fost affarijiet ohra xehed dwar ritratti dwar Gozo camp f'Settembru, 2013 li huwa ghamel *download* taghhom mill-camera ta' Fr Donald. Giet prezentata CD a fol 408 u sett ta' ritratti fl-envelop a fol 409. Xehed kif iqis lill-imputat bhala habib tal-familja u li qatt ma ra xejn hazin u li jhossu n-nuqqas tieghu mill-knisja tal-airport.

Xehdu numru ta' xhieda ohra in difeza xehdu dwar ix-xoghol pozittiv li ghamel l-appellant. **Mario Spiteri** li xehed fis-seduta tal- 5 ta' Frar 2019 xehed fost affarijiet ohra dwar li gieli tela' Ghawdex mal-mara tieghu ma' Fr Donald u spjega kif kienu l-arrangamenti tal-irqadt li Fr Donald kien jiehu pozizzjoni f'nofs is-sala u li x-xhud jekk ghamlu hamest'ijiem qatt ma raqad, dejjem imqajjem ghax hu kien ikun il-leader u li t-tfal ma gahdhomx bhal qabel, ma jhallu l-hadd jorqod u anke c-cajt. Xehed dwar li l-camera kienet tkun f'idejn iz-zghazagh u dejjem ghand ***Omissis***. **Fr William Bartolo** fis-seduta tal- 5 ta' Frar, 2019 fost affarijiet ohra spjega dwar l-attivitajiet li kien johloq l-imputat. **Sylvia Agius** fis-seduta tas- 7 ta' Mejju 2019 ukoll xehdet dwar attivitatjiet li kien jorganizza u prezentat dikjarazzjoni li ppreparat hi. Din tinsab a fol 470 u mmarkata bhala Dok. SA1. **Mark Muscat** u **Dylan Muscat** fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2019 xehdu dwar laqghat tal-vokazzjonijiet u attivitajiet li kienu jattendu u li qatt ma raw xejn hazin.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti sabet htija tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni rigwardanti l-agir tal-imputat fil-konfront ta' ***Omissis*** izda mhux fil-konfront tal-bqija tal-minuri. Qieset li l-atti kommessi jikkostitwixxu kemm partecipazzjoni f'attivita' sesswali ma' minuri kif ukoll fir-reat ta' korruzzjoni ta' minuri in vista tal-eta' tal-minuri, l-element ta' seduzzjoni involut ghas-sodisfazzjoni sesswali u l-element intenzjonali, cioe' ir-rieda tal-imputat li jaghmel dawk l-atti.

L-ewwel imputazzjoni taqra '*B'ghemil zieni, kkorrompejt lill* ***Omissis****;* ***Omissis*** *u* ***Omissis*** *meta int kont tutur ta' l-imsemmijin minuri ghal xi zmien jew meta l-istess minuri gew fdati lilek sabiex tihu hsiebhom, tedukhom, tghallimhom, tindukrhom jew izommhom.*'

Filwaqt li t-tieni imputazzjoni taqra '*Aktar talli fl-istess cirkostanzi ippartecipajt f'attivitajiet sesswali ma' persuni taht l-eta' u cioe'* ***Omissis****;* ***Omissis*** *u* ***Omissis***'

Dak li l-appellant qieghed jghid huwa li r-rizultanzi processwali kienu jwasslu ghall-elementi tar-reat ravvisat fl-artikolu 204C(1) tal-Kapitolu 9 u mhux ghar-reat ravvisat fl-artikolu 203 tal-Kapitolu 9. Ghalhekk din il-Qorti qieghda tifhem li l-appellant mhuwiex jikkontesta fejn l-Ewwel Qorti sabet htija tat-tieni (2) imputazzjoni in kwantu

dak li jirrigwarda lil ***Omissis***. Dak li qieghed jikkontesta l-appellant huwa s-sejbien ta' htija tal-ewwel (1) imputazzjoni fejn il-Qorti sabet htija rigwardanti ***Omissis***.

L-artikolu 203(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kien jaqra:

'*Kull min, b'egħmil żieni, jikkorrompi persuna ta' taħt l-età, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha:*

*Iżda, il-piena għal dan id-delitt tkun ta' priġunerija minn tliet snin sa sitt snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:*

...'

Il-Qorti sabet htija ukoll tal-aggravanti fis-subartikolu (c) li jaqra

'*jekk id-delitt isir minn axxendent, mid-demm jew bi żwieġ, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mit- tutur tal-minuri, jew minn ħaddieħor li lilu, imqar jekk għal xi żmien, ikun ġie fdat il-minuri sabiex jieħu ħsiebu, jedukah, jgħallmu, jindukrah jew iżommu.*'

Filwaqt li l-artikolu 204Ċ(1) tal-Kapitolu 9 kien jaqra:

'*Kull min jipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-età jista', meta jinsab ħati, jeħel priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn bir-reklużjoni jew mingħajrha.*'

Mix-xhieda ta' ***Omissis*** jirrizulta li bejnu u l-appellant kien hemm masturbazzjoni reciproka, bews u anke sess orali reciproku. Minkejja li omm ***Omissis*** u cioe' ***Omissis*** xehdet li '*Missieru saqsih xi mistoqsijiet naqra intimi kellux relazzjoni orali jew minn wara it-tifel qal li le.*', biss pero mix-xhieda ta' ***Omissis*** jirrizulta li kien hemm anke sess orali reciproku mal-appellant. ***Omissis,*** missier ***Omissis*** jghid li '*it-tifel qal li prova jirreziztih lil Qassis kien itih bil-minkeb biex ihallih*' biss pero' jirrizulta mix-xheda ta' ***Omissis*** li meda bdew jigru dawn l-atti, huwa ma rrezistihx, kien meta induna li setgha kien hemm persuni ohra li l-appellant ghamel atti maghhom u li ghalhekk ried li ma jkomplix jaghmel l-atti mal-apppellant, li huwa beda jevitah u kif l-appellant kien jersaq vicin '*kont bl-elbow*'... ''*Push him back.*'.

Illi bla dubju ta' xejn l-atti deskritti jammontaw ghal attivita' sesswali ai termini tal-artikolu 204Ċ(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ir-reat suggett ghat-tieni (2) imputazzjoni f'dak li jirrigwarda ***Omissis***. L-appellant izda qieghed

jikkontesta li huwa kkorompa lil ***Omissis*** u cioe' s-sejbien ta' htija tal-ewwel (1) imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs Thomas Wiffen'</u>**[6] gie kkunsidrat li:

'*For the completed offence, and apart from the formal element of the offence, there must be the lewd act ("atto di libidine") and the actual defilement. The lewd act may be committed either on the person or in the presence of the minor. All acts which either of their very nature or of the circumstances in which they are performed are directed to the indulgence of the sexual appetite either of the agent or of the victim and are capable of arousing the sexual interest of the victim, are lewd acts for the purposes of the offence in question. Francesco Carfora, writing in the Digesto Italiano in connection with Section 335 of the Zanardelli Code (which provision, as far as the elements of the offence are concerned, was identical to our Section 203) has this to say as regards the notion of "lewd acts".*

*"Atti di libidine.... debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo complete della libidine..... Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attribuir loro il carattere di atti di libidine, specie in ordine al bacio, del quale lungamente si occupa il Carrara, noi rileveremo come norma generale che gli atti, a cui si riferisce la legge, debbono essere materiali e di una certa entita' e tali da aver rapporto prossimo é diretto colle funzioni sessuali" (Vol. VIII, parte 3, p. 967).*'

F'din is-sentenza gie kkunsidrat li:

'*Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propia concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le cirostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts."*

---

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Jannar, 1996.

*"As to the requirement of actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge -- the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases -- taking into account all the circumstances of the case including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts. Appellant, in his application, states that in order that one can speak of actual defilement "at least the curiosity or the interest of the minor should have been aroused", so that "if the minor is already strong-willed enough and rejects even the least advance by the offender" then, always according to appellant, there is no actual defilement. Now, whereas the minor's reaction is a fact to be taken into account, it is not the sole criterion, nor indeed the most important criterion, of whether or not there has been actual defilement. The defilement may be actual but its effects delayed. As Sir Anthony Mamo points out in his Notes on Criminal Law:*

*"For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed, according to our law, if the victim is under twelve years of age, that is a reason for aggravating the crime" (p. 226).*

*And Francesco Carfora observes:*

*" .non bisogna intendere la corruzione fisica nel senso ristretto di manifestazione di corruzione morale mediante atti volontari esteriori compiuti dallo stesso minorenne, ma nel senso di contaminazione fisica anche mediante i soli atti dell'agente, inquantoche' agli effetti dell'art. 335 si ha la figura delittuosa della corruzione di minorenne quando questo abbia solo subito sulla propria persona atti contrari al pudore capaci di corrompere, anche se da parte sua non abbia corrisposto con altri atti, che costituiscono prova di un'effettiva corruzione, perche', come gia' abbiamo altrove notato, il legislatore intende a colpire i germi della corruzione gittati dagli atti delittuosi compiuti dall'agente, non in quanto sieno immediatamente sviluppati, ma in quanto possono in un tempo qualunque svilupparsi, e questo ritenne anche la patria giurisprudenza" (op. cit., p.966).*

*In other words if the acts in question are lewd acts in the sense above defined, that is are apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then, in the absence of any indication that the said passive subject has not been affected by those acts -- for example, because he or she was, to some degree, already depraved -- whoever has to*

*judge the facts may reasonable conclude that there was actual or effective defilement."*

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Gabriel Micallef) (Spettur Jessica Grima) vs Omissis'**[7] ikkunsidrat li:

*'Fin-noti tieghu dwar id-dritt penali, il-Professur Mamo jelenka l-elementi legali rikjesti sabiex tirnexxi dina l- azzjoni penali. Fi kliemu ighid illi dana ir-reat:* ***"deals with those lustful acts not consisting in carnal knowledge or attempted carnal knowledge with violence, whether actual or constructive, committed on the person or in the presence of any individual, whether male or female, and capable of defiling such individual."*** *Kwindi l-ewwel element rikjest hija l-eta' tal-allegat vittma li per forza trid tkun minorenni; it-tieni element imbaghad, jikkostitwixxi l-element materjali tar-reat u cioe' l-eghmil zieni.* ***"Lewd conduct is any unlawful act committed by an individual with the purpose of arousing the libido or sexual interest of themselves or the person towards whom this action is directed."*** *Il-Professur Mamo ikompli* ***"this expression does not include mere words, or any picture, book or representation, though obscene, or other indecent facts which affect only the moral sense. These do not constitute the crime in question. It is required that the defilment be by lewd acts, which acts must be committed either on the person of the minor or at least in his presence". Isostni: "To take a different view would be to ignore the obvious spirit of the law in creating the crime, that is the desire to protect youth from the pernicious effects of moral defilment and, therefore also from all those acts, which, although they take place without physical contacts, are nevertheless inherently intended to defile." Jiddeskrivi dawn l-atti bhala: "inclusive of all acts directed to the indulgence of the sexual apetite."***

L-istess Qorti kompliet tikkunsidra li:

*'Fl-ahharnett it-tielet element rikjest huwa l-att tal- korruzzjoni. Ghalkemm kien hemm guristi li ma qabblux dwar il-fatt jekk minuri li diga huwa korrott jistax ikun soggett ghal koruzzjoni u kwindi jistax jaqa' vittma ta' dana ir-reat, madanakollu il-qrati taghna dejjem sahhqu illi l-fatt illi minuri ikun diga gie soggett ghal korruzzjoni ma jeskludiex il-kummissjoni ta' dana r-reat fil-konfront tieghu. Ghal dak li jirrigwarda imbaghad il-mens rea rikjesta ghal kummissjoni tar-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni il- Professur Mamo huwa tal-fehma illi ma hijiex*

[7] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-22 ta' Jannar, 2014 (Numru 1281/2011)

*necessarja xi intenzjoni specifika wara l-kummissjoni ta' dana ir-reat:* ***"The defilment whether intended or not, must be considered as a necessary consequence of the lewd acts themselves, leaving it in every case to those who are to judge to determine whether they were calculated to defile."***

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Kelinu Mifsud'**[8] gie kkunsidrat li:

'*Għandu jiġi wkoll osservat li fil-korruzzjoni ta' minorenni, appunta minħabba mhux biss il-kliem "atti ta' libidini", imma anki stante l-kelma "jikkorrompi", hemm indikata l-opera perikoluża tas-seduzzjoni, li, kif irrilevat il-Kummissjoni tal-Kamra tad-Deputati fl-Italja, fid-diskussjoni tal-Proġett tal-Kodiċi Kriminali tal-1887 (Relaz. CXCIX), għandha tiġi differenzjata minn "un fuggevole atto lesivo del pudore";*

*Għalhekk, kull meta l-Qorti tkun perswaza li l-fattijiet tal-każ in ispeċje jinkwadraw ruħhom fl-ipotesi tal-liġi relattiva għar-reat ta' korruzzjoni ta' minorreni, ċjoe' kull meta jkun hemm (1) l-eta' minuri tal-vittima, (2) l-element materjal tal-attijiet ta' libidini, ċjoe' attijiet intiżi għas-sodifazzjoni sesswali, u li fihom innfishom ikollhom l-attitudini li jokkorrompu, u (3) l-element intenzjonali, ċjoe' ir-rieda tal-ħati li jagħmel dawk l-attijiet, li hu jaf li huma libidinużi fis-sens premess, allura hemm ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, appuntu in forza tal-kriterju negattiv fuq imsemmi, u skond il-prinċipji fuq espost;*'

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata qieset li '*A fol 69 tal-atti processwali,* ***Omissis*** *xehed li meta l-imputat beda jimmasturbah l-ewwel darba, il-minuri ma reagixxiex. Jghid li l-imputat hajru billi pogga idu (tal-minuri) fuq il-parti genitali tal-imputat. Sussegwentement kien hemm ukoll sess orali reciproku. Il-Qorti tqis li tali attivitajiet sesswali kienu ta' tali portata li jikkorrompu minuri ta' bejn tlettax u erbatax-il sena irrispettivament mill-fatt li seta' kien hemm relazzjoni konsenswali bejn il-partijiet. Fl-eta' tenera ta' tlettax il-sena il-minuri koncernat gie espost ghal agir sesswali minn persuna li huwa kien bhala edukatur u persuna li tigwidah fil-hajja spiritwali tieghu u mhux bhala persuna li maghha ser jiskopri s-sesswalita' tieghu u li maghha jkollu relazzjoni. Id-Difiza tissottometti li ma jistax jitqies li jissusisti l-element tal-korruzzjoni stante li l-minuri ried ikun fir-relazzjoni mal-imputat. Qabel xejn il-Qorti tirrileva li l-minuri kien ghadu tifel ta' bejn tlettax u erbatax -il sena meta bdew isehhu l-atti indikati aktar il-fuq da parti tal-imputat u ghalhekk kien ghadu waq zghir sabiex jifhem u jiddeciedi li huwa ried jew xtaq li jsehhu dawk l-atti ma persuna tal-istess sess tieghu, li*

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Jannar, 1955

*kienet ferm akbar minnu, li kien qassis u li suppost kienet qed tghinu jiskopri jekk kellu vokazzjoni ghal sacerdot u mhux sabiex jiskopri s-sesswalita' tieghu.'*

Il-Qorti fis-sentenza appellata kkunsidrat ukoll li '*l-atti kommessi mill-imputat jinkwadraw ruħhom fir-reat ta' korruzzjoni ta' minuri in vista tal-eta' tal-minuri, l-element ta' seduzzjoni nvolut għas-sodisfazzjoni sesswali, l-element intenzjonali, ċjoe' ir-rieda tal-imputat li jaghmel dawk l-atti. Tirrizulta wkoll l-aggravanti msemmija fl-artikolu 203(1)(c) tal-Kodici Kirminali. Illi l-Qorti tirrileva ulterjorment kif l-agir tal-imputat effetwa negattivament lil **Omissis** u ghalhekk ma hemmx dubju li tirrizulta l-korruzzjoni per se.*'

Din il-Qorti taqbel mal-kunsiderazzjonijiet maghmulha mill-Qorti dwar dan. Ma jirrizultax car jekk dawn l-atti bdewx meta ***Omissis*** kellu tlettax (13) jew erbatax (14) il-sena izda jirrizulta li ***Omissis*** stess fix-xhieda tieghu wara li xehed dwar li l-appellant kien jimmasturbah spjega li kienet reciproka u mistoqsi jekk ix-xhud qabad u beda jimmasturba lill-appellant jew qallux xi haga wiegeb ***'Kien hajjarni'*** billi ***'pogga idi fuq il-parti tieghu.'*** Ghalhekk l-atti mhux biss kienu ta' natura sesswali izda li anke qajmu interess fil-minuri tant li huwa stess xehed li kien hajjru meta pogga id ix-xhud fuq il-parti privata tal-appellant u li kien hemm masturbazzjoni reciproka u aktar il-quddiem anke sess orali reciproku. Din il-Qorti tqis li nonostante l-fatt li minuri ta' tlettax (13) jew erbatax (14) il-sena ikun diga jaf dwar il-masturbazzjoni u anke jekk ikun diga esperjenzaha jew jekk kellu esperjenzi ohra, ghalkemm f'dan il-kaz partikolari ma jirrizultax jekk din kinitx l-ewwel esperjenza sesswali ta' ***Omissis***, biss pero' jirrizulta li l-atti saru minn u ma' qassis f'kuntest fejn l-appellant kien fdat b'dan il-minuri sabiex jiskopri l-vokazzjoni u ghalhekk certament li l-atti kommessi kienu tali li jikkorrompu lil minuri tant li x-xhud thajjar li jimmasturba lill-appellant wara li l-appellant immasturba lilu. Ghalhekk certament li l-atti li ghamel l-appellant hallew l-effett taghhom fuq dak iz-zmien minuri u fil-kuntest ta' kif, fejn u ma' min sehhew dawn l-attivitajiet kienu tali li jikkorompu lil minuri. Ma hemmx dubju li l-appellant kien jaf li l-atti kienu tali li setghu jikkorrompu minuri. Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Andrew Bonnici'**[9]:

*'It-tieni aggravju ta' l-appellant hu, bażikament, fis-sens li ma jirriżultawx l-estremi kollha tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorrenni, u b'mod partikolari li ma jirriżultax li bħala fatt kien*

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Jannar, 1998.

*hemm il-korruzjoni. Dana l-aggravju hu infondat u jirrażenta l-fieragħ. Tifel ta' appena tlettax-il sena li jiġi espost għall-għemil li għamel l-appellant kemm fuqu nnifsu kif ukoll fuq il-persuna ta' l-istess tifel, ma jistax ma jiġix korrott, anke jekk forsi dak it-tifel ikun diġa jaf ċertu fatti tal-ħajja jew ikollu xi esperjenza sesswall. Altru esperjenza sesswali fil-kors normali ta' l-iżvilupp fisjoloġiku ta' dak li jkun, u altru l-imposizzjoni ta' sitwazzjonijiet, determinati minn għemil żieni, li manifestament jipproduċu leżjoni fl-intergrita' morali tal-minorrenni...'*

Din il-Qorti taqbel ukoll mal-Ewwel Qorti li irrispettivament tal-fatt li r-relazzjoni bejn ix-xhud u l-appellant kienet konsenswali dan ma jfissirx li ma kinitx tali li tikkorrompi lil minuri. Din il-Qorti ma taqbilx li r-reat taht l-artikolu 203(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jeskludi ir-reat taht l-artikolu 204Ċ(1) tal-istess Kapitolu u vice versa. Huma zewg reati separati u distinti minn xulxin, fejn il-Qorti tista' ssib htija ta' wiehed jew tal-iehor jew anke taht iz-zewg disposizzjonijiet. Ghalhekk din il-Qorti qieghda tichad dan l-aggravju u ghalhekk qieghda tikkonferma l-htija kemm tal-ewwel (1) imputazzjoni ai termini tal-artikolu 203(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn anke tirrizulta l-imsemmija aggravanti u anke tat-tieni (2) imputazzjonijiet abbazi tal-artikolu 204Ċ(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu fejn dawn l-imputazzjonijiet huma riferibbli ghal ***Omissis***.

Ikkunsidrat;

L-appellant qieghed jappella ukoll mill-piena li skontu fic-cirkostanzi kienet eccessiva. L-Ewwel Qorti hadet kont ta' numru ta' kunsiderazzjonijiet fosthom dak deciz fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Sylvana Briffa) (Spettur Joseph Busuttil) vs Jesmond Gauci'**[10] fejn il-Qorti kienet hadet in konsiderazzjoni il-hidma pastorali u ta' edukatur tal-imputat. Li diversi xhieda xehdu dwar l-inizjattivi posittivi maghmulha mill-imputat fil-hidma pastorali tieghu. Ghalkemm il-Qorti sabet htija tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet fejn dawn huwa riferibbli ghal ***Omissis***, ai fini ta' piena qieset li kien hemm il-konkors formali taz-zewg reati.

Din il-Qorti hadet kont tax-xhieda li xehdu in difeza fejn jirrizulta li l-appellant ghamel affarjiet pozittivi fil-hidma tieghu. Hadet in konjizzjoni ukoll ta' xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni fosthom Father Paul sive Alfred Calleja[11] li apparti li xehed dwar

---

[10] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-28 ta' Gunju, 2017 (Numru 85/2014).
[11] Li xehed fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015)

allegazzjonijiet li saru fil-konfront tal-appellant, xehed ukoll dwar il-pozittiv fl-appellant u Father George Zammit[12] li xehed ukoll dwar it-tifhir li kien jircievi dwar l-appellant. Biss pero' bhall-Ewwel Qorti tqis li piena ta' prigunerija effettiva hija wahda idonea stante li l-appellant qieghed jinstab hati ta' korruzzjoni ta' minuri u cioe' ta' ***Omissis*** u ta' attivita' sesswali mal-istess minuri u cioe' ***Omissis***, il-Qorti tqis l-eta' zghira tal-vittma fejn l-atti komplew ghaddejin ghal zmien konsiderevoli, kif ukoll l-effett li l-agir tal-appellant halla fuq il-vittma. Din il-Qorti ma tistax ma temfasizzax li l-minuri kien jattendi laqghat u live-ins mal-appellant biex jiskopri l-vokazzjoni u fejn certament li l-appellant kien suppost *role model* ghal vittma, fejn l-appellant kien anke midhla tal-familja tal-vittma tant li kien u baqa' jmur id-dar tal-genituri tal-vittma anke wara li sehhew dawn l-atti u ghalhekk certament li kemm il-vittma u anke il-genituri tieghu kellhom fiducja fih. Dak li sehh mill-appellant huwa ghalhekk **deplorabbli** u **kundannabli** ghalhekk tqis li l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti hija idonea fic-cirkostanzi u ma ssib l-ebda raguni ghala ghandha tvarjaha.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi **tichad** l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Din il-Qorti tikkonferma ukoll fejn il-Qorti b'applikazzjoni tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghal perjodu ta' tlett (3) snin fejn il-persuna protetta hija ***Omissis***[13]. Dan il-perjodu jibda ghaddej mil-lum.

Il-Qorti tikkonferma ukoll l-ordni ai termini tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta fejn l-Ewwel Qorti ordnat lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan din il-Qorti qieghda tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi registratur.

Il-Qorti tikkonferma l-ordni fejn gie ordnat id-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-minuri kollha u l-familjari taghhom kif ukoll kwalsiasi referenza li tindika l-identita' taghhom fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

[12] Fix-xhieda tieghu tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015)

[13] F'xi waqtiet fl-atti inkluz fic-citazzjoni u anke fic-certifikat ta' twelid a fol 15 indikat bhala *Omissis*.

Franklin Calleja

Deputat Registratur